

Avviż lill-Pazjent dwar trasferiment ta' *data* personali dwar is-saħħa minn pajjiż għall-ieħor

MALTA

Dan it-tagħrif huwa provdut biex ikun sodisfatt ir-rekwiżit tal-General Data Protection Regulation (GDPR) tal-Unjoni Ewropeja li ċ-ċittadini jkunu nfurmati dwar l-ipproċessar tad-data personali tagħhom.

1. X'inhi l-eHealth Digital Service Infrastructure?

L-eHealth Digital Service Infrastructure (eHDSI) hi sistema li ser tipprovdi ċittadini Ewropej b'mod sigur u faċli biex id-*data* mediċi tagħhom jiġu trasferiti minn pajjiż għall-ieħor b'mezzi elettroniċi jekk ikollhom bżonn kura barra minn Malta. Id-*data* elektronika ser tiġi pprovduta lil professjonisti tas-saħħa f'pajjiżi fl-Unjoni Ewropeja (UE)¹ fejn iċ-ċittadin ikun qed jirċievi l-kura. Id-*data* personali ser tiġi trasferita u miżmuma skont il-liġijiet tal-pajjiż fejn tingħata l-kura.

2. Il-kategoriji konċernati tad-*data* personali tiegħek dwar is-saħha

Is-Sommarju dwar il-Pazjent (*Patient Summary*) huwa *dataset* mediku bażiku li jiġi trasferit għall-iskop li tingħata kura medika f'pajjiż ieħor. Jinkludi *data* tal-pazjent importanti bħal allerġiji, mediċini li qegħdin jittieħdu, mard u operazzjonijiet fil-passat, li hemm bżonn biex tingħata kura tajba barra minn Malta.

It-tagħrif tiegħek huwa disponibbli għall-inklużjoni fis-Sommarju tal-Pazjent tiegħek safejn id-*data* personali diġà tinsab rekordjata f'forma elettronika f'Malta. Tinkiseb mill-*Electronic Case Summary system* u l-*Online Surgical Register* li jinsabu fl-Isptar Mater Dei, u tinżamm fin-*National Patient Summary system* tal-Ministeru għas-Saħħa.

3. X'inhi l-bażi legali għall-użu tad-*data* personali tiegħek?

Is-servizzi tal-eHDSI jistgħu isiru disponibbli għalik biss jekk tagħti kunsens espliċitu.

Għalkemm sitwazzjonijiet ta' emerġenza jistgħu jiġġustifikaw l-użu tad-*data* tiegħek għall-kura tiegħek mingħajr kunsens, għal raġunijiet tekniċi, jekk int ma tagħtix kunsens espliċitu, id-*data* tiegħek ma jkunux disponibbli permezz tas-sistema tal-eHDSI, lanqas f'każ ta' emerġenza.

Meta tkun barra minn Malta f'sitwazzjoni attwali ta' kura, id-*data* tas-Sommarju tal-Pazjent tiegħek ser tiġi rekordjata fil-pajjiż fejn tingħata l-kura, skont il-*General Data Protection Regulation* (GDPR) tal-UE, il-liġijiet ta' dak il-pajjiż u l-prattiċi tal-istituzzjoni partikolari tal-kura tas-saħħa.

¹ Is-sistema tista' tiġi addottata wkoll minn pajjiżi fl-EFTA (Svizzera, Norveġja, Iżlanda, Liechtenstein).

4. X'inhu l-iskop tal-ipproċessar?

Id-*data* medika tiegħek ser tintuża biss għall-kura personali tiegħek.

Madankollu, f'xi pajjiżi id-*data* personali tiegħek tista' wkoll, taħt ċerti kundizzjonijiet, tintuża għal skopijiet oħra preskritti mill-liġi, bħal monitoraġġ u riċerka sabiex tittejjeb il-kwalità tas-saħħa pubblika. Għal dawn l-iskopijiet sekondarji, il-pajjiżi li qegħdin jieħdu parti kkommettew li joħolqu salvagwardji xierqa tekniċi u organizzattivi, bħal de-identifikazzjoni ta' *data* personali fejn hemm bżonn.

F'Malta, id-*data* li tinġabar biex tkun inkluża fis-Sommarju tal-Pazjent tiegħek mhix se tintuża għal skopijiet sekondarji, ħlief għal skopijiet ta' statistika wara li tkun ġiet kompletament anonimizzata.

Tagħrif dwar l-iskopijiet ta' aktar proċessar bħal dan skont il-liġijiet ta' varji pajjiżi se jiġi ppubblikat fis-sit tal-internet tal-eHDSI malli jkun disponibbli.

5. Min jipproċessa u jkollu aċċess għal din id-*data*? (reċipjenti tad-*data* personali)

Id-*data* tas-Sommarju tal-Pazjent tiegħek tkun aċċessibbli biss minn professjonisti tas-saħħa awtorizzati u identifikati li huma nvoluti fil-kura tiegħek, marbutin bis-sigriet professjonali, fil-pajjiż fejn tingħata l-kura.

Kull pajjiż fejn tingħata l-kura li ser jieħu parti fis-sistema tal-eHDSI ħa impenn li jiżgura li l-professjonisti u fornituri tal-kura tas-saħħa fit-territorju tiegħu ikollhom biżżejjed tagħrif u taħriġ dwar id-doveri tagħhom.

Dettalji dwar il-pajjiżi li ser jieħdu parti ser jiġu ppubblikati fis-sit tal-internet tal-eHDSI.

Id-*data* tas-Sommarju tal-Pazjent ser tiġi trasferita permezz ta' *technical gateway* sikura provduta mill-*eHealth National Contact Point* maħtur minn kull pajjiż. It-*technical gateway* ta' Malta hi operata mill-aġenzija tal-IT tal-Gvern u minn kumpanija privata li tipprovdi servizzi ta' *software*, li t-tnejn huma marbuta bi klawżoli stretti dwar il-protezzjoni tad-*data* fil-kuntratti tagħhom.

6. Fejn u għal kemm żmien tinżamm id-*data* personali?

Id-*data* tas-Sommarju tal-Pazjent tista' tinżamm f'sistemi informatiċi ta' istituzzjonijiet tas-saħħa kemm f'Malta kif ukoll fil-pajjiż fejn tingħata l-kura. Id-*data* tinżamm mhux iżjed milli hemm bżonn għall-iskop li għalih tiġi pproċessata. Fil-każ ta' persuni domiċiljati Malta, ir-records mediċi jinżammu matul ħajjet il-pazjent u imbagħad għaxar snin wara mewtu, waqt li fil-każ ta' pazjenti oħra, bħal persuni li jżuru Malta minn pajjiżi oħra, il-perjodu ta' żamma hu ta' għaxar snin.

Il-perjodu ta' żamma f'pajjiżi oħrajn li qed jieħdu sehem jista' jvarja. Tagħrif dwar il-perjodi ta' żamma se jiġi ppubblikat fis-sit tal-internet tal-eHDSI meta jkun disponibbli.

Perjodi ta' żamma itwal jistgħu jintużaw biss għal arkivjar u riċerka xjentifika jew storika fejn ikun hemm salvagwardji partikolari ta' privatezza (bħal anonimizzazzjoni).

7. Id-drittijiet tiegħek ta' aċċess

Jekk inti tagħti l-kunsens biex id-*data* tas-Sommarju tal-Pazjent tiegħek tiġi pproċessata permezz tas-sistema tal-eHDSI, inti tista' tottjeni kopja tagħha billi tibgħat rikjesta lill-*Information Management Unit* tal-Ministeru għas-Saħħa (dp.imu.mdh@gov.mt) jew lill-professionist jew fornitur tal-kura tas-saħħa fil-pajjiż fejn tingħata l-kura.

Int għandek dritt li:

- a) Tirrettifika kwalunkwe *data* fis-Sommarju tal-Pazjent tiegħek li mhiex korretta, skont Artiklu 16 tal-GDPR.
- b) Tottjeni t-tħassir tad-*data* tas-Sommarju tal-Pazjent tiegħek, skont Artiklu 17 tal-GDPR.
- c) Toġġezzjona għall-ipproċessar tad-*data* tas-Sommarju tal-Pazjent tiegħek, abbażi tas-sitwazzjoni partikolari tiegħek, skont Artiklu 21 tal-GDPR.

Int għandek id-dritt li tirtira l-kunsens tiegħek fi kwalunkwe ħin.

Jekk inti ma tagħtix kunsens biex id-*data* personali tiegħek tiġi pproċessata permezz tal-eHDSI, id-*data* tiegħek ma tkunx disponibbli għalik permezz ta' din is-sistema meta tkun barra minn Malta, lanqas f'każ ta' emerġenza.

Finalment, int għandek id-dritt li tressaq ilment ma' awtorità superviżorja jew f'Malta jew inkella fil-pajjiż fejn ingħatat il-kura, skont il-fatti tas-sitwazzjoni.

Dettalji ta' kuntatt

Rappreżentant tal-Kontrollur tad-Data f'Malta

Data Protection Officer

Information Management Unit (Health)

Unit 17, Outpatients Building, St Luke's Hospital, G'Mangia, PTA1012

Phone: +356 2595 2813

Web: <https://www.health.gov.mt>

Email: dp.imu.health@gov.mt

Awtorità superviżorja f'Malta

Office of the Information and Data Protection Commissioner

Level 2, Airways House, High Street, Sliema, SLM1549

Phone: +356 2328 7100

Web: <https://idpc.org.mt>

Email: idpc.info@gov.mt